**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU S-SITTA U ERBGĦIN 19ta' DIĊEMBRU, 2018**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.15ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjur Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku Rita Grima u l-Kunsilliera Dr Jean Pierre Attard, Dr Tiffany Ann Farrugia, s-Sur Joseph D'Amato, is-Sur Pierre Farrugia, s-Sur David Abdilla u s-Sur Dino Bonnici.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Ignatius Farrguia ppresjeda s-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **46.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 46.1.1 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia informa li ma setgħax jattendi minħabba raġuni ta' saħħa fil-familja. Dok 1 mehmuż. L-appoloġija ġiet milqugħa. |
| | | |
| **46.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| | | |
| 46.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tal-ħamsa u erbgħin –il seduta. |
| | | |
| ***46.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 46.3.1 | | Is-Sindku qal li s-Sibt li għadda ġew rappreżentanti minn Pedara fejn sar l-iffirmar tal-ġemellaġġ u saret ikla żgħira bejn dawk preżenti. |
| | | |
| 46.3.2 | | Is-Sindku qal li l-iskola primarja taż-Żurrieq ser jorganizzaw green day fejn ser imorru fi Ġnien il-Ġibjun biex iħawlu siġra u jaddottawha. |
| | | |
| 46.3.3 | | Is-Sindku qal li fit-30 ta' Jannar 2019 ser issir t-talk mingħand il-psikjatra fis-sala taż-Zurrieq Wolves (li ser tingħata bla ħlas għal din l-okkazzjoni) |
| | | |
| 46.3.4 | | Is-Sindku qal li hemm bżonn li ssir ċinta madwar ir-roundabout fi Vjal ix-Xarolla |

| | | |
|---|---|---|
| | | u jieħdu ħsieb il-pjanti li fiha. |
| | | |
| 46.3.5 | | Is-Sindku qal li ser joganizza attivita' tal-anzjani oħra fi Frar. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| ***46.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 46.4.1 | | Il-Viċi Sindku Rita Grima qalet li hemm bżonn li jsiru żewġ tabelli no entry fis-service road fi Vjal ix-Xarolla. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 46.4.2 | | Il-kunsillier Joseph D'Amato qal li dawn l-aħħar snin kienet saret bibita lill-bandisti tal-orkestra u din is-sena jixtieq jagħmilha ukoll. Hu fakkar ukoll fl-attivita tat-28 ta' Diċembru, fejn l-orkestra ser tagħti kunċert fl-iskola. |
| | | |
| 46.4.3 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li kellu ilment fuq Triq Ħal Far, fejn residenti talbu biex jinqata l-blat ħalli t-triq titwessa xi ftit u għalkemm fil-kuntratt ma kienux inklużi, fuq insistenza tiegħu f'ħafna postijiet il-blat tneħħa biex titwessa t-triq. F'parti minnhom fejn sid l-għalqa talab li jqattgħa l-blat u l-ħajt tal-għalqa tiegħu jitressaq 'l ġewwa u ftit wara talab li ssir gate fl-għalqa tiegħu, l-Kunsillier Joseph D'Amato avviċina lill-persuni responsabbli mill-proġett u l-blat tqatta imma gate ma kienux ser jagħmluha.<br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato talab li ssir gate mill-Kunsill. Il-Kunsillier David Abdilla qabel li ssir din il-gate, minħabba li din il-persuna tat parti mill-għalqa tiegħu.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill ma jistax jagħmel gate lill-privat.<br>Kien hemm qbil li s-Sindku jagħmel pressjoni fuq il-ministeru biex l-Gvern jagħmel il-gate hu. |
| | | |
| 46.4.4 | | F'dan il-ħin daħlu għas-seduta l-kunsilliera Tiffany Ann Farrugia u Jean Pierre Attard (ħin 18:50) |
| | | |
| 46.4.5 | | Il-Kunsillier Joseph d'Amato għamel proposta biex issir cannopy oħra quddiem il-bieb l-ieħor tal-iskola. Ma kienx hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 46.4.5 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato talab li jsiru parking bays fi Triq San Pawl fejn m'hemmx. Kien hemm qbil li ssir partijiet f'fażijiet differenti. |
| | | |
| 45.4.6 | | Il-Kunsillier Pierre Farrugia talab lill-Kunsillier Joseph D'Amato biex jgħid x'sar fuq il-problemi tal-ilma tax-xita quddiem ir-residenti. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li illum ġiet il-perit u ħadet rapport tal-postijiet kollha. Saret insistenza biex sa seduta oħra l-Kunsill ikollu risposta mingħand il-perit. |
| | | |
| ***46.5*** | | ***Rapporti*** |
| | | |
| 46.5a.1 | | Ma kienx hemm rapport x'jitressqu. |
| | | |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***46.6*** | | ***ITEMS OĦRA TA' XOGĦOL IEĦOR TAL-KUNSILL LOKALI LI JKUNU MEĦTIEĠA.*** |
| | | |
| ***46.6A*** | | ***Ħruġ ta' Sejħa għall-offerti:***<br>***Hortocultural works at Public Gardens and Upkeep and Maintenance of Soft Areas*** |
| | | |
| 46.6A1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li t-tender tal-ġonna pubbliċi u soft areas ser jiskadi fi Frar. Kien hemm qbil li tinħareġ sejħa oħra. |
| | | |
| 46.6A2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill applika għall-proġett taħt Miżura 4 li tikkonċerna tisbieħ ta' Triq l-Barrieri u Soft area fi Triq il-Wied. Gal Xlokk infurmat li ser jieħu l-fondi li applika għalihom. Kien hemm qbil li tinħareġ is-sejħa għax-xogħol meħtieġ. |
| | | |
| 46.6A3 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li issa li ser jiskadi l-kuntratt ta' għoti tal-wiċċ tat-toroq u jeħtieġ li jinħareġ tender ieħor.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Gvern qal li t-toroq ser jibda jieħu ħsieb x-xogħol tagħhom hu u għalhekk m'hemm bżonn li tinħareġ it-tender tat-toroq.<br>Kien hemm qbil li tinkiteb ittra lid-Dipartiment biex jagħti linja gwida. |
| | | |
| | | |
| 46.6A4 | | Il-kunsillier Tiffanny Ann Farrugia qalet li fuq l-art ta' Triq Gervaze Matthew, il-Land Department qal hekk *: Ghad m'hemmx certezza fit-titlu anke' fid-dawl tal-fatt illi ricentament jidher li gew prezentati xi dokumenti godda.* |
| | | |
| ***46.6.B*** | | ***APPROVAZZJONI:XOGĦLIJIET U SERVIZZI*** |
| | | |
| | | |
| 46.6B1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni fuq dawn l-ilmenti imressqa mir-residenti:<br>• Il-Kunsill fuq approvazjoni ta' seduta preċedenti kien neħħa yellow line minn Triq il-Ħaddiema minħabba li perit informa lill-Kunsill li l-art hi pubblika u li kulħadd setgħa jipparkja. Residenta ta' numru 89/90 fi Triq il-Ħaddiema ġabet provi biżżejjed li l-art li fuqha kien hemm yellow line hi privata għax il-Gvern għadu ma iffinanzjax l-art u li l-istess residenta ħallset għall-asfalt tal-post indikat. Għalhekk din ir-residenta qed terġa titlob li jsir il-yellow line. Il-Kunsillier Tiffanny Ann Farrugia ser tiċċekja jekk hix privata jew le jekk hi privata jerġgħu jsiru yellow lines.<br>• Biex issir 'U' bar quddiem iż-Zurrieq Football Club għax il-vetturi qed jitilgħu fuq il-bankina u qed ikissru it-tappieri tad-drenaġġ. Kien hemm qbil li jsiru tlieta ħdejn xulxin<br>• Biex issir bollard flexible fin-nofs taż-zebra crossing fi Vjal ix-Xarolla minħabba li l-vetturi qed jghaddu min-nofs il-crossing. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Biex isiru sleeping policeman fi Vjal ix-Xarolla kull fejn hemm side road. Dawn ġew mitluba għal ġos-service road. Ma kienx hemm qbil. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Biex isir bank fejn il-Posta, ħalli jservi lil dawk li jkunu qed jistennew lill-Posta tiftaħ. Ma kienx hemm qbil.<br>• Fi Triq Sant Andrija k/m Sqaq Barcellona kien hemm bollard u meta l-kunsill mar biex jerga jwaħħalha, kien hemm persuna li ma riditix titwaħħal. Kien hemm qbil li terġa titwaħħal.<br>• Inqrat ittra mibgħutha mis-Soċjeta Mużikali Santa Katarina VM. Fejn talbu spjegazzjoni, għaliex il-Kunsill ma tellax il-bandiera fl-okkażjoni speċjali tat-18 ta' Novembru, 2018 waqt il-pellegrinaġġ devozzjonali bil-vara ta' Santa Katarina VM. Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li jifhem li hemm lista ta' ġranet meta l-bandiera għandha titla, imma kien hemm żewġ okkażjonijiet importanti fejn il-bandiera kellha titla u ma ttellietx. Fosthom din li għadha kemm għaddiet taċ-ċentinarju tal-vara ta' Santa Katarina. Hu qal li l-Kunsill kellu jieħu deċiżjoni fil-ġurnata li sar jaf b'dan l-avveniment. Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li bħal ma ġieli ġara f'okażjonijiet oħra fil-passat b'mod prattiku, setgħet ittieħdet deċiżoni dak inhar stess u minħabba li kienet ċelebrazzjoni importanti l-bandiera kienet titla fuq ftehim bejn il-kunsilliera.<br><br>Is-Sindku qal li kieku fil-laqgħa tal-Kunsill li kienet dik il-ġimgħa stess, xi ħadd mill-membi tal-Kunsill qajjem dan il-punt, ma kienx isib oġġezzjoni li tittella l-bandiera, imma dan ma sar mingħand ħadd u mill-ebda membru tal-kunsill. U għalhekk ma kellux jeħel kollox is-Sindku fuq dan il-każ. Il-Kunsillier Jean Pierre Attard ssuġġerixxxa li l-Kunsill għandu jikteb lis-soċjetajiet biex jinfurmaw huma meta jridu li titla l-bandiera. Is-Sindku qal li anke kien hawn kunsillier li xandar fuq face book biex jagħmel il-ħsara u jitfa t-tajn fuq is-Sindku. Is-Sindku qal li fuq il-propjeta tiegħu tellgħaha l-bandiera, imma fuq l-uffiċċju tal-Kunsill trid tkun deċiżjoni tal-Kunsill u mhux tas-Sindku biss. Hu żied jgħid li kieku din tressqet fis-seduta tal-Kunsill ma kienx isib oġġezzjoni li titella. Is-Sindku qal li għal din is-soċjeta' hu, huwa persuna non grata imma fejn iridu jitolbu l-affarijet u jippretenduhom. Is-Sindku qal li jipretendi li hu jkun protett u appoġjat mill-Kunsilliera sħabu. Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li bħal ma ġieli ġara f'okażjonijiet oħra fil-passat b'mod prattiku, setgħet ittieħdet deċiżoni dak inhar stess u minħabba li kienet ċelebrazzjoni importanti l-bandiera kienet titla fuq ftehim bejn il-kunsilliera.<br>Kien hemm qbil li l-ittra għandha titwieġeb fis-sens li dan l-item ma kienx imressaq f'seduta biex ikun mitkellem dan l-avveniment, u għandha tintbagħat il-lista tad-dati ta' meta tittella l-bandiera, b'approvazzjoni tal-Kunsill kollu.<br>• Biex issir Sleeping policeman fi Triq l-Imqabba hekk jitlesta x-xogħol ta' tarmak. Ma kienx hemm qbil fuq dan.<br>• Biex isiru sleeping policeman fi Triq Ħal Far qabel taqbad kull side road. Ma kienx hemm qbil fuq dan imma kien hemm qbil li jsiru marki tat-toroq. |
| | | |
| 46.6B | | Tressqu dawn l-ilmenti fil-laqgħa annwali taż-Żurrieq:<br>• Persuna li toqgħod fi Vjal il-Blue Grotto talbet biex ma tiġix installata cctv fi Vjal |

| | | |
|---|---|---|
| | | il-Blue Grotto fejn il-ħwienet ta' Triq l-Imqabba minħabba li r-residenti tal-akwata ser ikunu sorveljati u titneħħielhom il-privatezza tagħhom. Kien hemm qbil li bażi fuq l-argument hemm u meta teħel is-cctv nenfasizzaw li d-djar ma jridux jinqabdu bis-cctv, imma jinqabdu l-ħwienet u t-toroq biss.<br>• Ma jaqbilx li jkun hemm ħafna un/loading bays fl-istess triq. Transport Malta tagħmel il-un/loading bays.<br>• Residenta b'tifla b'diżabilta' qed titlob biex fi Triq il-Qrendi (fejn l-irziezet) issir sleeping policeman, minħabba li l-vetturi qed jgħaddu b'veloċita eċċessiva u qed ikunu ta' periklu għalihom sakemm joħorġu u jdaħħlu lit-tifla fil-vettura tagħhom. Ma kienx hemm qbil fuq sleeping policeman. |
| | | |
| 46.6B.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-iskrivana Sharon Bartolo qed titlob li ġġedded il-leave li ma ħadietx f'din is-sena għas-sena d-dieħla, minħabba li ser ikollha bżonnhom fuq raġunijiet personali. L-ammont hu ta' 52.75 siegħa. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| | | |
| ***46.7*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA*** |
| | | |
| 46.7.1 | | Ġew approvati l-minuti tas-seduta numru 54 tal-Kumitat Amministrattivta' Bubaqra. |
| | | |
| ***46.8*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR, TAL-GALXLOKK u TAL-ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI*** |
| | | |
| 46.8.1 | | Ġew approvati l-minuti tal-Assoċċjazzjoni Kunsilli Lokali tal-laqgħa numru 13 u 14 li saru fit-25 ta' Ottubru, u 22 ta'Novembru, 2018. |
| | | |
| | | |
| ***46.9*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 46.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 2** għall-ammont totali ta' **€72,888.03**<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u l-Viċi Sindku Rita Grima u l-kunsillier Tiffany Ann Farrugia.<br><br>Din hi l-lista approvata tal-impjegati li ser jidħlu overtime għas-sibtijiet. Laqgħat oħra ta' sotto kumitati, li jinqalgħu u li s'issa m'hemmx dati tagħhom, jiġu approvati f'seduta oħra.<br><br>**Overtime / Extra Working Hours**<br><br>Mhux suppost li jkun hemm ħafna overtime minħabba l-ħinijiet ġodda tal-ftuħ tal-uffiċini. L-overtime li jista jkun hemm ikun dak urġenti biss. |

| | | |
|---|---|---|
| ***46.10*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 46.10.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-20:00. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 23 ta' Jannar, 2018 fis-6.15 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum 23 ta' JANNAR, 2019.

IFFIRMAT IFFIRMAT

Ignatius Farrugia
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**